MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Numru. 112/2012

**Pulizija
(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Raimondo Lauro**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Raimondo Lauro bin Rosario u Beatrice nee Thornton mwieled Haz-Zabbar fl-20 ta’ Frar 1956 u residenti 265, Casa Lauro, Triq is-Sur, Fgura u detentur tal-karta tal-identita’ numru 255156(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fid-29 t’April 2011 ghall-habta ta’ 11:00hrs fi Triq il-Mistra, San Pawl il-Bahar waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IMY327;

(1) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma’ persuna li kien qed isuq rota w ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Zoltan Tanko skond ma’ ccertifika Dr. M. Bellizzi M.D. (reg no 5218)

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan .

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta’ Marzu 2012 (esebit a fol. 16 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta’ Mejju 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-kaz odjern jirrigwarda ncident stradali li sehh fid-29 ta’ April 2011 ghall-habta tal-11.00am fit-Triq il-Mistra, San Pawl il-Bahar bejn il-vann bin-numru tar-registrazzjoni IMY 327 misjuq mill-imputat u r-rota misjuqa mill-parti civili Zoltan Tanko fejn dan tal-ahhar sofra griehi ta’ natura gravi skond kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Dr. Muriel Bellizzi li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta’ Jannar 2012. Mill-provi rrizulta li l-parti civili kien qed isuq ir-rota tieghu fuq in-naha tax-xellug tat-triq gej mill-Mistra u sejjer fid-direzzjoni tax-Xemxija filwaqt li l-imputat kien hiereg fuq il-main road minn fuq Stop Sign mit-triq li taghti ghall-bajja tal-Mistra u waqt li huwa kien hiereg u qed jimmanuvra sabiex jiehu l-posizzjoni tieghu fuq it-triq principali fil-karreggjata ghall-vetturi sejrin lejn ix-Xemxija ma ndunax bir-rota misjuqa minn Tanko u ghalhekk kompla hiereg mid-dahla tal-Mistra sabiex b’hekk Tanko

ghalkemm ghafas il-brejk tar-rota kien tard wisq u habat mal-gemb tal-lemin lejn in-naha ta’ wara tal-vann.

Zoltan Tanko li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta’ Frar 2013 spjega li huwa kien qed isuq ir-rota tieghu gej mid-direzzjoni tal-Mellieha u sejjer lejn ix-Xemxija meta ra il-vann misjuq mill-imputat hiereg minn dahla man-naha tax-xellug tieghu. Huwa ra l-vann jieqaf f’nofs tat-triq u prova jibrejkja izda l-vann kompla jdur u b’hekk sehh l-impatt bejniethom. Zoltan Tanko spejga li fuq il-post hemm mera sabiex il-vetturi hergin mill-bajja tal-Mistra ikunu jistghu jaraw il-vetturi li qed jiprocedu fuq il-main road. Tanko spjega wkoll li bhala konsegwenza tal-incident sofra griehi f’wiccu u kellu ksur f’saqajh tax-xellug.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jirrizulta minghajr ebda dubju li l-incident stradali de quo gie kagunat minhabba traskuragni u nuqqas ta’ proper lookout da parti tal-imputat. L-imputat kien hiereg minn side road u minn fuq STOP SIGN ghal fuq il-main road u ghalhekk kellu l-obbligu li jaccerta ruhu li qabel jaghmel din il-manuvra huwa jaccerta ruhu li mhux ser jostakola l-karregjata ghall-vetturi u utenti ohra li qed jipprocedu fuq il-main road. Huwa minnu li l-konfigurazzjoni tat-triq f’dak il-punt li kien hiereg minnu l-imputat ma tghinx u ma tirrendix il-vizwali ottimali izda huwa wkoll minnu li fil-lokalita’ propju minhabba din id-diffikolta’ hemm il-mera sabiex tghin lill-vetturi hergin mill-bajja tal-Mistra ghall-fuq il-main road jesploraw it-triq ahjar. Mill-okkorrenza jirrizulta li l-imputat fl-ebda hin ma ra l-vettura tal-imputat qabel l-impatt. Dan jindika li huwa m’esplorax adegwatament it-triq qabel ma hareg minn fuq l-Istop Sign u li kwindi kien traskurat u negligenti fis-sewqan tieghu.

Il-Qorti setghat tikkonstata li mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni rrizulta biss li l-griehi sofferti mill-parti civili

kellhom il-konsegwenzi ndikati fl-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali izda mhux dawk indikati fl-Artikolu 218.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat qed jinstab hati ta’ sewqan traskurat izda mhux perikoluz, kif ukoll il-fatt li huwa ghandu fedina penali nadifa u l-fatt li l-konfigurazzjoni tat-triq m’hijiex wahda felici kif ukoll il-fatt li l-parti civili thallas mill-assikurazzjoni tal-imputat ghad-dannu minnu sofferti u fic-cirkostanzi ser timponi piena pekunjarja u mhux wahda karcerarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 225 u 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ tmien mitt ewro (€800).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------